



Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Gwida Aġġornata għall-Istati Membri dwar
it-trattament tal-iżbalji żvelati fir-rapporti annwali ta'
kontroll

(Perjodu ta' Programmazzjoni 2007-2013)

(Anness tal-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni:
COCOF 09/0004/01-EN tat-18/02/2009 u EFFC/0037/2009-EN
tat-23/02/2009)

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABILTÀ: Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika lil kollegi u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (minbarra l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex tiġhegġeġ prassi tajba. Din in-nota ta' gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.

Werrej

LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVIJAZZJONIJIET	4
GLOSSARJU	5
1. DAĦLA	7
2. VALUTAZZJONI TAL-IŻBALJI	8
2.1. Ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' żbalji.....	8
2.2. Żbalji sistemiċi	8
2.3. Żbalji każwali	9
2.4. Żbalji anomalji.....	9
2.5. Rata ta' Żball Ipproġettata Totali.....	10
3. SISTEMI KOMUNI U OPINJONIJIET TAL-AWDITJAR DIFFERENTI SKONT IL-PROGRAMM	11
4. OPINJONIJIET INADEGWATI TAL-AWDITJAR.....	12
5. MIŻURI KORRETTIVI.....	12
5.1. Il-kunċett ta' żball ikkoreġut biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar	12
5.2. Miżuri korrettivi bħala avvenimenti sussegwenti.....	14
5.3. Il-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball	15
5.4. Korrezzjoni finanzjarja estrapolata.....	15
6. IT-TPER U L-ASSIGURAZZJONI DWAR IL-FUNZJONAMENT EFFETTIV TAL-MCS	16
7. KAŻIJIET PARTIKOLARI.....	19
7.1. Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkunsidrata wkoll bħala irregolari mill-MA, IB jew CA.....	19
7.1.1. Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA	19
7.1.2. Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB jew il- MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel ma ttieħed il- kampjun mill-AA.....	20
7.1.3. Irregolaritajiet relatati man-nefqa rtirata wara li ttieħed il- kampjun mill-AA.....	20
7.2. Aġġustament b'nefqa "bafer" fil-livell ta' proġett.....	20
7.3. Aġġustament ta' żbalji dwar dikjarazzjoni għolja b'kuntrast ma' żbalji ta' dikjarazzjoni baxxa	21
7.4. Kif għandhom jiġu rrapportati l-frodi u l-frodi suspettati fl-ACR u kif għandhom jiġu riflessi fir-rata ta' żball?	21
7.5. Il-fallimenti u l-insolvenzi għandhom jiġu inklużi fir-rata ta' żball?	22
7.6. X'approċċ għandha tadotta l-AA fil-każ li jintilfu jew issir ħsara minħabba "force majeure" (eż. diżastri naturali) lil dokumenti ta' sostenn tal-operazzjonijiet li minnhom jittieħed kampjun?.....	24
ANNES 1 - IR-RATA TA' ŻBALL IPPROĠETTATA TOTALI.....	26

ANNEX 2 - IT-TABELLA GĦAN-NEFQA DDIKJARATA U L-AWDITI TAL-KAMPJUN	27
ANNEX 3 - IT-TABELLA TA' KORRELAZZJONI BEJN IT-TAQSIMIET TAL-GWIDA TA' QABEL MAL-GWIDA AĠĠORNATA DWAR IT- TRATTAMENT TAL-IŻBALJI	28

LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

AA	Awtorità tal-Awditjar
AAR	Rapport Annwali tal-Attività (ta' kull Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni)
ACR	Rapport Annwali ta' Kontroll
CA	Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
FK	Fond ta' Koeżjoni
COCOF	Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Fondi
DAS	Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE
FES	Fond Ewropew għas-Sajd
FEŻR	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
FSE	Fond Soċjali Ewropew
IB	Korp Intermedjarju
ISA	Standard Internazzjonali tal-Awditjar
MA	Awtorità ta' Ġestjoni
MCS	Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll
MUS	Kampjunar ta' Unità Monetarja
TPER	Rata ta' Żball Ipproġettata Totali

GLOSSARJU

Terminu	Definizzjoni
Żball anomalu	Dikjarazzjoni skorretta li biċ-ċar mhix rappreżentattiva tal-popolazzjoni. L-eżistenza ta' żbalji anomali għandhom jiġu rrapportati biss f'ċirkostanzi estremament rari u motivati sew.
Perjodu tal-awditjar	L-awtorità tal-awditjar trid tirrapporta fuq il-bażi tax-xogħol tal-awditjar imwettaq matul il-perjodu tal-awditjar mill-01/07/N sat-30/06/N+1, sal-31/12/N+1. Il-perjodu tal-awditjar hu l-perjodu li matulu l-AA twettaq xogħolha, kemm l-awditi tas-sistema kif ukoll l-awditi tal-operazzjonijiet.
Proċedura kontradittorja	Proċedura li biha jintbagħtu rapporti tal-awditjar (abbozz) lil min qed jiġi awditjat b'talba għal tweġiba bil-miktub f'ċertu limitu ta' żmien.
Żbalji	Għall-finijiet ta' din il-gwida, żball/irregolarità/dikjarazzjoni skorretta hi dikjarazzjoni eċċessiva tan-nefqa ċċertifikata ddikjarata lill-Kummissjoni.
Nefqa tas-sena N	In-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni, li minnha jintgħażel il-bażi ta' kampjun tal-operazzjonijiet.
Irregolarità	L-istess tifsira bħal żball jew dikjarazzjoni skorretta.
Żball magħruf	Żball magħruf huwa żball misjub barra l-kampjun awditjat.
Dikjarazzjonijiet skorretti	L-istess tifsira bħal żball jew irregolarità.
Popolazzjoni	Is-sett sħiħ tad-dejta li minnu jintgħażel il-kampjun (għall-finijiet tal-Artikolu 62.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2006) u li dwaru l-awditur jixtieq jaasal għal konklużjonijiet.
Żball każwali	L-iżbalji li mhumiex ikkonsidrati sistemiċi huma kklassifikati bħala żbalji każwali. Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji każwali misjuba fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni mhux awditjata.

Terminu	Definizzjoni
Rata ta' żball residwu (RER)	<p>Ir-Rata ta' Żball Residwu (RER) tikkorrispondi għat-TPER bil-korrezzjonijiet finanzjarji mnaqqsqa li setgħu ġew applikati mill-Istat Membru fir-rigward tal-iżbalji misjuba mill-AA fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħha, inklużi żbalji każwali pproġettati jew irregolaritajiet sistemiċi. Normalment, dawn il-korrezzjonijiet huma applikati wara li tiġi determinata t-TPER. Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru wara li l-AA tkun ħadet il-kampjun tagħha u qabel ma tkun ġiet stabbilita t-TPER mill-AA jistgħu jiġu mnaqqsqa wkoll mill-RER, jekk korrezzjonijiet bħal dawn isiru bil-ħsieb li jnaqqsu r-riskji identifikati mit-TPER.</p> <p>Għal aktar spjegazzjonijiet dwar l-RER ara t-taqsima 5.1 ta' din il-gwida.</p>
Żball sistemiku	<p>L-iżbalji sistemiċi huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> - żbalji misjuba fil-kampjun awditjat; u - ikollhom impatt fuq il-popolazzjoni mhux awditjata; - iseħħu f'ċirkostanzi definiti sew u simili. <p>Dawn l-iżbalji ġeneralment għandhom karatteristika komuni, eż. it-tip ta' operazzjoni, il-lok jew il-perjodu. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll fi ħdan (parti minn) sistemi ta' ġestjoni u kontroll.</p>
Rata ta' żball totali pproġettata (TPER)	<p>Ir-rata ta' żball totali pproġettata tikkorrispondi għat-total tal-iżbalji li ġejjin: żbalji każwali, żbalji sistemiċi, u żbalji anomali pproġettati.</p> <p>L-AA għandha tqabbel ir-rata ta' żball totali pproġettata mal-livell limitu ta' materjalità sabiex tilħaq il-konklużjonijiet għall-popolazzjoni totali koperta permezz tal-kampjun.</p>

1. DAĦLA

Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi gwida lill-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-aktar lill-AAs, billi jikkjarifika l-mistoqsijiet prinċipali mqajma minnhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 fir-rigward tat-trattament u l-evalwazzjoni tal-iżbalji misjuba fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet tagħhom. Din l-gwida tipprovdi wkoll kjarifiki dwar il-kalkolu tar-rata ta' żball totali pproġettata, il-miżuri korrettivi relatati u l-impatt tal-opinjoni tal-awditjar tal-AA ippreżentata skont l-Artikolu 62(1)(d)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 61(1)(e)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

Dan id-dokument hu aġġornament tan-noti ta' gwida tal-Kummissjoni COCOF 11-0041-01-EN tas-07/12/2011 u EFFC/87/2012 tad-9/11/2012, b'qies ta' dak li tgħallimna minn dak iż-żmien permezz tal-valutazzjoni tal-ACRs tal-2012, 2013 u 2014. Din il-gwida tikkonsolida f'dokument wieħed il-kjarifiki mogħtija lill-AAs mill-2011, bl-aġġornament xieraq fejn hu meħtieġ. L-Anness 3 jippreżenta tabella li tqabbel l-istruttura tal-gwida ta' qabel mal-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji. Din il-gwida hi l-bażi għall-gwida dwar it-trattament tal-iżbalji għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, li għad trid tiġi rilaxxata.

Il-gwida hija dokument konġunt ippreparat mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana f'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs u d-DĠ għall-Affarijiet Marittimi. Bħala tali, il-gwida għandha tiġi applikata mill-AA responsabbli biex tipprovdi l-ACR għal programmi kofinanzjati mill-FEŻR, FK, FSE jew FES.

Din il-gwida għandha titqies bħala kumplimentari u għandha tinqara mal-linji gwida eżistenti tal-Kummissjoni, l-aktar dawn li ġejjin:

- Il-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet għall-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni (COCOF 09/0004/01-EN tat-18/02/2009 u EFFC/0037/2009-EN tat-23/02/2009), minn hawn 'il quddiem "Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjonijiet";
- Nota ta' gwida dwar il-metodi ta' kampjunar għall-Awtoritajiet tal-Awditjar tal-04/04/2013, (COCOF 08/0021/03-EN), minn hawn 'il quddiem "Gwida dwar il-kampjunar";
- Gwida dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll [MCS] fl-Istati Membri¹, (COCOF 08/0019/00-EN tas-06/06/2008 u EFFC/27/2008 tat-12/09/2008), minn hawn 'il quddiem "Gwida għall-valutazzjoni tal-MCS";
- Nota ta' gwida għall-Awtoritajiet taċ-Ċertifikazzjoni dwar ir-rappurtar dwar l-ammonti rtirati, l-ammonti rkuprati, l-ammonti li għad iridu jiġu rkuprati u l-ammonti meqjusa irrekuperabbli, applikabbli għal perjodu ta' programmazzjoni

¹ Ara n-nota COCOF 08/0019/00-EN, fejn huma previsti erba' kategoriji għall-valutazzjoni tas-sistemi: kategorija 1 taħdem sew; hu meħtieġ titjib minuri biss (affidabbiltà għolja), kategorija 2: taħdem, imma hemm bżonn ta' xi ftit titjib (affidabbiltà medja), kategorija 3: taħdem parzjalment; hemm bżonn ta' titjib sostanzjali (affidabbiltà medja), kategorija 4: essenzjalment ma taħdimx (affidabbiltà baxxa).

2007-2013 tas-27/03/2010, (COCOF N° 10/0002/00/EN), minn hawn 'il quddiem "Gwida għas-CA".

2. VALUTAZZJONI TAL-IŻBALJI

2.1. Ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' żbalji

Kif meħtieġ mill-istandards internazzjonali tal-awditjar, l-aktar ISA 530, l-ACR għandu jippreżenta l-evalwazzjoni tal-iżbalji misjuba fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA, flimkien mal-miżuri korrettivi (ara t-taqsimi 5 hawn taħt). L-iżbalji misjuba f'dawk l-awditi jistgħu jkunu każwali, sistemiċi jew, f'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, anomali. Dawn il-kunċetti huma spjegati fit-taqsimiet 2.2, 2.3 u 2.5 hawn taħt.

Wara l-evalwazzjoni tal-iżbalji, l-AA għandha tikkalkula t-TPER, kif spjegat fit-taqsimi 2.5 hawn taħt. L-AA għandha taħdem bis-sħiħ biex tippjana xogħolha ħalli l-evalwazzjoni ssir sew u biex il-miżuri korrettivi jittieħdu mill-Istat Membri f'ħin xieraq qabel is-sottomissjoni tal-ACR. Il-ġudizzju professjonali użat mill-AA għall-evalwazzjoni tal-iżbalji għandu jkun spjegat fl-ACR.

2.2. Żbalji sistemiċi

L-iżbalji sistemiċi huma żbalji misjuba fil-kampjun awditjat li għandhom impatt fuq il-popolazzjoni mhux awditjata u jseħħu f'ċirkostanzi definiti sew u simili. Huma ġeneralment assoċjati ma' proċeduri ineffettivi ta' kontroll fi ħdan (parti minn) sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Fil-fatt, l-identifikazzjoni li potenzjalment hemm żball sistemiku timplika li titwettaq il-ħidma kumplementari meħtieġa għall-identifikazzjoni totali tiegħu u l-kwantifikazzjoni sussegwenti tiegħu. Dan ifisser li s-sitwazzjonijiet kollha li huma suxxettibbli li jkollhom żball tal-istess tip bħal dak misjub fil-kampjun għandhom jiġu identifikati, biex b'hekk tkun permessa delimitazzjoni tal-effett kollu tiegħu fil-popolazzjoni². Skont l-Artikolu 98(4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u l-Artikolu 96(4) tar-Regolament (KE) Nru 1998/2006 "*fil-każ ta' irregolarità sistemika, l-Istat Membru għandu jestendi l-inkjesti tiegħu sabiex ikopru l-operazzjonijiet li probabbilment jiġu milquta*".

Jekk l-AA għandha assigurazzjoni raġonevoli li l-parti tal-popolazzjoni affettwata mill-iżbalji sistemiċi hija delimitata bis-sħiħ u li m'hemmx unitajiet oħrajn fil-popolazzjoni suxxettibbli li jkunu affettwati minn żbalji simili, l-ammont ta' żbalji sistemiċi għandu jingħadd mal-iżbalji każwali pproġettati biex tiġi prodotta t-TPER. L-estrapolazzjoni tal-iżbalji każwali misjuba fil-kampjun għall-popolazzjoni teħtieġ li l-AA tuża formoli stipulati fl-Appendiċi 1 tal-Gwida dwar il-kampjunar.

L-ammont ta' żbalji sistemiċi misjuba fil-kampjun ma jitqiesx u lanqas ma jingħadd mal-iżbalji każwali pproġettati, iżda jingħadd magħhom għall-fini tal-kalkolu tat-TPER (ara t-taqsimi 2.5). Madankollu, kull żball każwali li jinstab fl-operazzjonijiet

² Per eżempju, jista' jkun li ċertu żball ġie misjub f'operazzjoni kofinanzjata taħt assi prijoritarju relatat mal-inġinerija finanzjarja. Jista' jkun li dan l-iżball iseħħ f'operazzjonijiet oħra fl-istess assi prijoritarju. Jeħtieġ li l-AA tiddetermina jekk dan hux il-każ, b'kooperazzjoni mal-Awtorità ta' Ġestjoni.

affettwati mill-iżbalji sistemiċi (flimkien mal-iżbal(ji) sistemiku/ci) għandu jiġi estrapolat u għandu jingħadd mal-iżbalji każwali pproġettati.

Tip partikolari ta' żball li m'għandux jiġi konfuż ma' żbalji sistemiċi jeżisti meta jinstab żball f'operazzjoni waħda fil-kampjun li jwassal lill-awditur biex isib żball wieħed jew aktar barra l-kampjun fl-istess operazzjoni - dan jista' jiġi kklassifikat bħala "żball magħruf". Pereżempju, jekk jinstab li kuntratt hu illegali skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku x'aktarx li parti min-nefqa irregolari relatata ġiet iddikjarata għal dik l-operazzjoni ftalba għal pagament jew fattura inkluża fil-kampjun awditjat. Jista' jkun li n-nefqa li tifold għal dik l-operazzjoni tkun ġiet iddikjarata ftalbiet għal pagament jew fattura li ma jkunux inklużi f'dak il-kampjun, f'dik il-popolazzjoni awditjata jew il-popolazzjoni tas-sena ta' qabel.

L-approċċ rakkomandat biex jiġu ttrattati l-iżbalji magħrufa hu li ssir estrapolazzjoni tal-iżbalji każwali fil-kampjun (inkluż l-iżball li wassal għas-sejba tal-iżball magħruf) għan-nefqa totali (mingħajr ma jitnaqqas l-ammont tal-iżbalji magħrufa mill-popolazzjoni). F'dan il-każ, l-iżball magħruf ma jingħaddx mat-TPER. Din ir-rakkomandazzjoni tirriżulta mill-fatt li, b'kuntrast mal-iżbalji sistemiċi, id-delimitazzjoni tal-iżball magħruf normalment issir fil-livell tal-operazzjoni fejn ikun instab l-iżball. Dan il-proccess ma jipprovdi konferma dwar jekk operazzjonijiet oħrajn affettwati minn dan it-tip ta' żball baqgħux fil-popolazzjoni. F'dan il-kuntest, l-iżball magħruf għandu jiġi kkoreġut bħal kull tip ta' żball ieħor. L-iżbalji magħrufin li jirrigwardaw snin preċedenti għandhom jiġu korretti wkoll.

2.3. Żbalji każwali

Wara l-evalwazzjoni tal-iżbalji mill-AA, l-iżbalji li mhumiex ikkonsidrati sistemiċi huma kklassifikati bħala żbalji każwali. Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji każwali misjuba fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni mhux awditjata, ġaladarba l-kampjun huwa rappreżentattiv. Għalhekk, dawn l-iżbalji jridu jiġu inklużi fl-iżbalji pproġettati – ara t-taqsima 2.5 ta' din il-gwida.

Il-kalkolu tal-iżbalji każwali pproġettati jvarja skont il-metodu tal-kampjunar magħżul, kif deskritt fil-gwida dwar il-kampjunar.

2.4. Żbalji anomali

Żball li jintwera biċ-ċar li mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni jissejjaħ żball anomalu. Kampjun statistiku huwa rappreżentattiv tal-popolazzjoni u għalhekk żbalji anomali għandhom ikunu aċċettati biss f'circostanzi eċċezzjonali ħafna, motivati b'mod xieraq. Ir-rikors frekwenti għal dan il-kunċett mingħajr ġustifikazzjoni xierqa jista' jikkomprometti l-affidabilità tal-kalkolu tat-TPER u tal-opinjoni tal-awditjar tal-AA.

L-AA hija meħtieġa li fl-ACR tipprovdi grad għoli ta' ċertezza li żball anomalu bħal dan mhuwiex rappreżentattiv tal-popolazzjoni, u biex tispjega l-proċeduri addizzjonali tal-awditjar li hija wettqet biex tasal għall-konklużjoni li jeżisti żball anomalu, kif meħtieġ mill-ISA nru 530.

"A.19. Meta dikjarazzjoni skorreta tkun ġiet stabbilita bħala anomalija, din tista' tiġi eskluża meta jiġu pproġettati d-dikjarazzjonijiet skorretti tal-popolazzjoni. Madankollu, l-effett ta' kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta bħal

din, jekk mhux ikkoreġuta, xorta jkun jeħtieġ li jiġi kkonsidrat mal-previżjoni tad-dikjarazzjonijiet skorretti mhux anomali".

A.22. Fil-każ tat-testijiet tad-dettalji, id-dikjarazzjonijiet skorretti pproġettati kif ukoll id-dikjarazzjonijiet skorretti anomali, jekk hemm, għall-awditur huma l-aħjar stima ta' dikjarazzjonijiet skorretti fil-popolazzjoni. Meta dikjarazzjonijiet skorretti pproġettati kif ukoll dikjarazzjonijiet skorretti anomali, jekk hemm, jeċċedu d-dikjarazzjonijiet skorretti tollerabbli, il-kampjun ma jipprovdix bażi raġonevoli għal konklużjonijiet dwar il-popolazzjoni li ġiet ittestjata. (...)"

Dan ifisser li, meta l-AA tiddeċiedi li teskludi żball anomalu mill-kalkolu tal-iżbalji pproġettati, l-ammont tal-iżbalji anomalu għandu jiġi miżjud fil-kalkolu tat-TPER jekk ma jkunx ġie kkorreġut, skont it-taqsima 5.1 ta' din il-gwida. Jekk l-iżball anomalu ġie kkoreġut qabel ma l-ACR ikkonċernat ikun ġie sottomess lill-Kummissjoni, f'dan il-każ ma jgħoddx għat-TPER. Dan l-approċċ huwa applikabbli biss għall-iżbalji anomalu minħabba n-natura eċċezzjonali tagħhom, kif previst fl-istandard ikkwotat tal-awditjar.

Jista' jseħħ każ partikolari meta l-AA issib irregolarità f'operazzjoni (eż nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku fir-rigward ta' kuntratt speċifiku) filwaqt li l-istess operazzjoni hi affettwata wkoll minn żball anomalu. F'dan il-każ, l-iżball każwali għandu jiġi pproġettat għall-popolazzjoni; l-iżball anomalu f'dik l-istess operazzjoni jiżdied mat-TPER, sakemm ma jkunx ġie kkoreġut qabel is-sottomissjoni tal-ACR. Dan minħabba l-fatt li l-iżball każwali qed jirrappreżenta żbalji oħra possibbli fil-popolazzjoni u għandu jiġi estrapolat għan-nefqa li tifold tal-popolazzjoni biex ikun hemm stima xierqa tat-TPER.

2.5. Rata ta' Żball Ipproġettata Totali

L-AA għandha tiżvela t-TPER fl-ACR, li għandha titqabbel mal-limitu tal-materjalità sabiex tasal għal konklużjoni dwar jekk il-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun aleatorju hijiex iddikjarata ħażin b'mod materjali jew le³. It-TPER tirrappreżenta l-effett stmat tal-iżbalji fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, bħala perċentwal tal-popolazzjoni għas-sena N. L-iżball ipproġettat totali għandu jirrifletti l-analiżi magħmula mill-AA fir-rigward tal-iżbalji misjuba fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa skont l-Artikolu 62.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 61.1(b) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006.

It-TPER tikkorrispondi mas-somma tal-komponenti rilevanti (jiġifieri żbalji każwali, żbalji sistemiċi u żbalji anomalu mhux korretti pproġettati) diviża mill-popolazzjoni tas-sena N – ara l-flowchart fl-Anness 1 ta' din il-gwida.

³ Kif joħroġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 43(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 498/2007: *"fil-programmi operattivi li għalihom ir-rata ta' żbalji proġettata tkun aktar mil-livell ta' materjalità, l-awtorità tal-awditjar għandha tanalizza kemm hi sinifikanti u tiegħu l-azzjonijiet neċessarji, inkluż li tagħmel rakkomandazzjonijiet li għandhom jiġu kkomunikati fir-rapport ta' kontroll annwali".*

Jekk l-iżbalji sistemiċi huma identifikati fil-kampjun awditjat, u l-estensjoni tagħhom fil-popolazzjoni mhix awditjata hija delimitata bi preċiżjoni, l-iżbalji sistemiċi relatati mal-popolazzjoni jiġu miżjuda mat-total tal-iżbalji pproġettati, kif imsemmi hawn fuq. Jekk tali delimitazzjoni ma ssirx qabel ma' jiġi sottomess l-ACR, l-iżbalji sistemiċi għandhom ikunu ttrattati bħala każwali għall-finijiet tal-kalkolu tal-iżbalji każwali pproġettati⁴.

3. SISTEMI KOMUNI U OPINJONIJIET TAL-AWDITJAR DIFFERENTI SKONT IL-PROGRAMM

L-informazzjoni dwar it-TPER għandha tiġi ppreżentata fit-taqsimha tal-ACR li tirrigwarda l-awditjar fuq kampjun tal-operazzjonijiet. Barra minn hekk, "it-tabella għan-nefqa ddikjarata u l-awditjar tal-kampjun" li għandha tkun mehmuża mal-ACR (kif jidher mit-Tabella 9 tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006) għandha tiżvela t-TPER - ara l-Anness 2 ta' dan id-dokument.

L-ACR għandu jiġi sottomess lill-Kummissjoni permezz tal-SFC 2007. Il-modulu fl-SFC 2007 jinkludi t-tabella msemmija hawn fuq, li trid timtela mill-AA. L-informazzjoni dwar it-TPER għandha tiddaħħal f'kolonna separata, wara l-kolonna intitolata "ammont u perċentwal (ir-rata tal-iżbalji) tan-nefqa irregolari f'kampjun każwali".

Filwaqt li huwa metodoloġikament korrett li tkun irrappurtata t-TPER li tkopri l-programmi inklużi MCS komuni, jista' ma jkunx dejjem minnu li l-opinjoni tkun l-istess għall-programmi kollha ta' dik is-sistema.

L-Artikolu 62(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 jistipula li "*Fejn tapplika sistema komuni għal bosta programmi operattivi, l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tista' tingħaqad f'rapport wieħed, u l-opinjoni u ddikjarazzjoni maħruġa taħt il-punti (ii) u (iii) jistgħu jkopru l-programmi operattivi kollha konċernati*" [enfasi miżjud].

Għalhekk, jekk l-awditi tas-sistema jew l-analiżi tal-iżbalji misjuba fil-kampjun aleatorju għal MCS komuni juru nuqqasijiet partikolari għal programm wieħed inkluż fis-sistema komuni, l-AA tista' tikkonsidra li tiddistingwi l-opinjoni tal-awditjar tagħha għal dak il-programm partikolari. Għalhekk, l-SFC2007 jippermetti lill-AA li ddaħħal opinjonijiet differenti għal kull programm, anke jekk ikunu jappartjenu għall-istess MCS. F'dan il-każ, l-AA għandha tispjega fl-ACR l-evidenza għall-awditjar li tappoġġja l-opinjonijiet tal-awditjar differenti għall-programm(i) identifikat(i) mill-valutazzjoni tal-MCS komuni li jappartjenu għaliha.

Sabiex ikun hemm evidenza għall-awditjar suffiċjenti li tippermetti lill-AA li toħroġ b'opinjonijiet tal-awditjar differenzjati għall-programmi inklużi f'MCS komuni

⁴ L-iżbalji misjuba fl-awditi tas-sistemi (ittestjar ta' kontroll) ma jiżdidux mal-iżbalji pproġettati totali, iżda għandhom jiġu kkoreġuti u żvelati fit-taqsimha 4 tal-ACR. Il-konklużjonijiet li joħorġu mill-awditi tas-sistemi għandhom jitqiesu fl-opinjoni tal-awditjar żvelata fl-ACR, flimkien mar-riżultat tal-awditi tal-operazzjonijiet.

(ukoll bil-ħsieb tal-fażi tal-gheluq⁵), il-Kummissjoni tirrakkomanda li, fejn huma mistennija riżultati differenti għal xi wħud minn dawk il-programmi, l-AA tippjana xogħolha biex tfittex assigurazzjoni raġonevoli għall-programm(i) speċifiku/speċifiċi. Dan jista' jinkiseb billi jiġi assigurat strat rappreżentattiv li jkopri n-nefqa rispettiva dikjarata. Fejn hu użat kampjunar statistiku biex jintgħażel il-kampjun aleatorju għall-MCS komuni, il-prassi normali li tapplika hi li jintgħażlu tal-inqas 30 unità tal-kampjunar għal dak l-istrat. Għall-kampjunar mhux statistiku, huma applikabbli l-opzjonijiet ippreżentati fil-gwida dwar il-kampjunar.

4. OPINJONIJIET INADEGWATI TAL-AWDITJAR

Fost oħrajn, il-Kummissjoni tqis il-każijiet li ġejjin bħala opinjonijiet tal-awditjar mhux adegwati:

- opinjonijiet mhux kwalifikati għalkemm l-ebda awditjar tal-operazzjonijiet fuq in-nefqa tas-sena N ma ġiet imwettqa;
- opinjoni mhux kwalifikata anki jekk l-AA ma tkunx awditjat l-operazzjonijiet kollha fil-kampjun;
- opinjonijiet mhux kwalifikati, għalkemm ir-rati ta' żball ipproġettati totali kienu ogħla mil-livell ta' materjalità, u/jew instabu nuqqasijiet sinifikanti fl-awditi tas-sistema, mingħajr ma ttieħdu l-miżuri korrettivi xierqa (ara t-taqsima 5 ta' din il-gwida) mill-awtoritajiet nazzjonali fil-ħin qabel l-iżvelar tal-opinjoni tal-awditjar;
- iċ-ċaħda tal-opinjoni minħabba li l-proċeduri kontradittorji għall-awditjar tal-operazzjonijiet ma kinux iffinalizzati.

5. MIŻURI KORRETTIVI

5.1. Il-kunċett ta' żball ikkoreġut biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar

L-iżbalji kollha għandhom jiġu kkoreġuti, inklużi dawk każwali, sistemiċi u anomali⁶.

Għall-finijiet ta' opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata, in-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni għandha tiġi kkoreġuta sabiex l-RER għan-nefqa tas-sena taħt analiżi tkun ta' 2% jew inqas u d-dgħufijiet tas-sistema identifikati jkunu mitigati għal livell xieraq biex tkun żgurata l-prevenzjoni tal-iżbalji fid-dikjarazzjonijiet futuri tan-nefqa.

L-RER tikkorrispondi għat-TPER bil-korrezzjonijiet finanzjarji mnaqqsa li setgħu ġew applikati mill-Istat Membru fir-rigward tal-iżbalji misjuba mill-AA fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħha, inklużi żbalji każwali pproġettati jew irregolaritajiet

⁵ Fil-fażi tal-għeluq, se jkun hemm il-ħtieġa ta' assigurazzjoni tal-awditjar suffiċjenti għal kull programm, ara l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 (għall-FEŻR, il-FK u l-FSE) u l-Artikolu 43(5) tar-Regolament (KE) Nru 498/2007 (għall-FES)

⁶ Fir-rigward tal-iżbalji magħrufin, ara l-aħħar żewġ paragrafi tat-taqsima 2.2 hawn fuq.

sistemiċi. Normalment, dawn il-korrezzjonijiet huma applikati wara li tiġi determinata t-TPER. Madankollu, il-korrezzjonijiet finanzjarji applikati mill-Istat Membru wara li l-AA tkun ħadet il-kampjun tagħha u qabel ma tkun ġiet stabbilita t-TPER mill-AA jistgħu wkoll jiġu mnaqqsa mill-RER, jekk korrezzjonijiet bħal dawn isiru bil-ħsieb li jnaqqsu r-riskji identifikati mit-TPER. Eżempju tipiku jkun meta jsiru korrezzjonijiet fuq il-bażi tax-xogħol tal-MA mwettqa għad-determinazzjoni tal-portata tal-irregolaritajiet sistemiċi misjuba mill-AA fl-awditi tal-operazzjonijiet tagħha. F'kull każ, apparti l-ġudizzju professjonali applikat mill-AA meta tqis il-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-RER, l-AA għandu jkollha assigurazzjoni raġonevoli li l-korrezzjonijiet finanzjarji li għandhom jitqiesu għall-RER huma fil-fatt korrezzjonijiet ta' nefqa irregolari u mhux, pereżempju, korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali, entrati bil-kontra fil-kontijiet li ma jikkorrispondux mal-korrezzjonijiet finanzjarji, dħul minn proġetti li jiġġeneraw id-dħul, trasferiment ta' operazzjonijiet minn programm għal ieħor (jew fl-istess programm) jew deċiżjonijiet tal-maniġment li jikkanċella proġett u li mhumiex relatati ma' irregolaritajiet misjuba f'dak il-proġett. Finalment, il-korrezzjonijiet relatati ma' irregolaritajiet individwali⁷ mhux inklużi bħala tali fit-TPER (eż il-każijiet partikolari ta' żbalji anomali korretti qabel is-sottomissjoni tal-ACR, irregolaritajiet diġà misjuba u li dwarhom diġà ttieħdet azzjoni mill-IB, il-MA u s-CA, iżda li kienu għadhom ma ġewx korretti qabel il-kampjun meħud mill-AA⁸) ma għandhomx jingħaddu għall-RER, biex tiġi evitata s-sottostima tagħhom.

Skont l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u l-Artikolu 70 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006, l-Istati Membri (il-MA u s-CA, skont l-MCS) huma meħtieġa li jikkoreġu u jirkupraw l-ammonti li ma kellhomx jitħallsu. L-Istati Membri għandhom żewġ għażliet:

- jirtiraw mill-ewwel in-nefqa irregolari mill-programm meta jiskopru l-irregolarità, billi jnaqqsuha mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li tkun tmiss, biex b'hekk joħroġ il-finanzjament tal-UE għall-impenn għal operazzjonijiet oħra jew

- għal dan il-waqt iħallu n-nefqa fil-programm, sakemm joħroġ ir-riżultat tal-proċeduri sabiex tiġi rkuprata l-għotja li ma kellhiex titħallas mingħand il-benefiċjarji, u n-nefqa titnaqqas biss mid-dikjarazzjoni tan-nefqa li jmiss meta jkun seħħ l-irkupru.

Għall-finijiet tal-opinjoni tal-awditjar, żball jitqies ikkoreġut fil-każijiet li ġejjin:

1) meta l-ammont irregolari jkun tnaqqas (permezz tal-irtirar jew l-irkupru) minn applikazzjoni għal pagament interim sottomess lill-Kummissjoni qabel ma jkun ġie ffinalizzat l-ACR; jew

⁷ Irregolarità individwali hi żball ta' darba li hu indipendenti minn żbalji oħra fil-popolazzjoni jew min-nuqqasijiet fis-sistema, ara t-taqsim 1.4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19.10.2011 dwar l-"approvazzjoni tal-linji gwida dwar il-prinċipji, il-kriterji u l-iskali indikattivi li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 99 u 100 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006".

⁸ Skont il-kundizzjonijiet spjegati fit-taqsim 7.1.1 ta' din il-gwida.

2) meta n-nefqa inkwistjoni ġiet (jew qed tiġi) korretta fil-livell nazzjonali (qabel mhu ffinalizzat l-ACR) minn wieħed minn tliet mezzi:

- a) impenn formali mill-korp kompetenti (MA jew CA), notifikat lill-AA u/jew lill-Kummissjoni, li jiddikjara li n-nefqa irregolari se tiġi korretta fl-applikazzjoni sussegwenti għal pagament interim;
- b) irtirar irregiſtrat fil-livell nazzjonali fis-sistema ta' kontabbiltà u monitoraġġ tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni;
- c) l-Istat Membru beda l-proċedura biex jirkupra n-nefqa irregolari mingħand il-benefiċjarju(i)⁹.

L-AA għandha tkun infurmata dwar il-korrezzjonijiet effettivi magħmula.

5.2. Miżuri korrettivi bħala avvenimenti sussegwenti

Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riżultati tal-awditi tas-sistema u tal-awditi tal-operazzjonijiet irrappurtati mill-AA, l-Istat Membru (il-MA jew is-CA skont l-MCS) jeħtieġ li jieħu l-miżuri korrettivi ta' segwitu meħtieġa.

L-eżistenza ta' TPER oġġla mil-livell ta' materjalità fil-każ ta' MCS ikklassifikata fil-kategorija 3 jew 4 tikkonferma l-eżistenza ta' nuqqasijiet serji f'dik is-sistema. F'dak il-każ, sabiex jittaffa r-riskju tal-iżbalji materjali f'dikjarazzjonijiet tan-nefqa futuri, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għandhom jintrabtu li jimplementaw pjan ta' azzjoni korrettiva bi skadenzi stretti, li jindirizza n-nuqqasijiet sistemiċi. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi deskritt b'mod ċar u konċiż fl-ACR. Dan il-pjan ta' azzjoni jista' jitqies biss mill-AA bħala avveniment sussegwenti u għalhekk l-impatt tiegħu jista' jitqies meta titfassal l-opinjoni tal-awditjar, jekk l-azzjonijiet ikunu ġew implimentati b'mod effettiv u l-AA ikollha evidenza ċara ta' dan.

Jekk il-miżuri korrettivi huma implimentati qabel ma jiġi sottomess l-ACR lill-Kummissjoni u l-AA għandha evidenza biżżejjed ta' dan (ara t-taqsim 5.1), miżuri korrettivi bħal dawn jistgħu jitqiesu bħala avvenimenti sussegwenti li seħħu wara l-perjodu tal-awditjar. Avvenimenti sussegwenti bħal dawn għandhom jiġu rrapportati fl-ACR, biex juru li kien hemm segwitu xieraq għall-iżbalji misjuba mill-awtoritajiet nazzjonali. L-AA tista' tqis dawk l-avvenimenti meta tistabilixxi l-livell ta' assigurazzjoni u l-opinjoni tal-awditjar. Kif previst fil-gwida dwar l-ACR¹⁰, "*xi avvenimenti sussegwenti jistgħu ikollhom impatt importanti fuq il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u/jew fuq il-kwalifiki (f'każijiet ta' opinjoni kwalifikata jew negattiva) u għalhekk ma jistgħux jiġu injorati mill-AA*". Dawn l-avvenimenti jistgħu jikkorrispondu jew ma' azzjonijiet pożittivi (eż. miżuri korrettivi implimentati wara l-perjodu tal-awditjar) jew ma' impatt negattiv ta' sitwazzjoni ġdida (eż. nuqqasijiet fis-sistema jew żbalji misjuba wara l-perjodu tal-awditjar).

⁹ Dan ifisser li l-korp responsabbli ħareġ ordni ta' rkupru.

¹⁰ Ara t-Taqsim 8 tal-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni.

Jekk il-miżuri korrettivi jikkonċernaw il-korrezzjoni ta' nefqa irregolari, dawn il-korrezzjonijiet jistgħu jitqiesu biss mill-AA għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti jekk in-nefqa relatata ġiet ikkoreġuta skont it-taqsima 5.1 hawn fuq.

5.3. Il-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball

Għall-Kummissjoni, il-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball hi l-opzjoni preferuta meta jkun hemm żbalji sistemiċi. Filfatt, f'dan il-każ, l-analiżi u l-korrezzjoni ta' kull tip ta' żball hi l-opzjoni li l-aktar hi konformi mal-evalwazzjoni tal-iżbalji kif meħtieġ mill-istandards internazzjonali tal-awditjar, l-aktar l-ISA 530. Konsegwentement, l-AA għandha taħdem bis-sħiħ biex tippjana xogħolha sabiex din l-opzjoni tkun tista' tiġi applikata mill-Istat Membru f'ħin xieraq qabel is-sottomissjoni tal-ACR.

Kif imsemmi hawn fuq, fit-taqsima 2.2, l-AA għandha tevalwa l-iżbalji misjuba fl-awditi tal-operazzjonijiet. Fejn jinstabu żbalji sistemiċi u għall-finijiet tal-ACR, l-AA għandha tikkonferma dan li ġej:

1) Ikun stabbilit l-ammont totali tan-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni li hi affettwata minn dawk l-iżbalji sistemiċi u l-awtoritajiet responsabbli jipproċedu biex jagħmlu l-korrezzjoni finanzjarja meħtieġa mill-aktar fis possibbli. Id-delimitazzjoni tal-iżbalji sistemiċi fin-nefqa mhux awditjata tista' titwettaq mill-MA, taħt is-superviżjoni tal-AA. Fil-prattika, din is-superviżjoni tfisser li l-AA trid tirrevedi l-kwalità tax-xogħol tal-MA u ttiprovdi konferma espliċita fl-ACR li x-xogħol twettaq bl-istandard xieraq u li l-konklużjonijiet huma xierqa.

2) Sabiex jittaffa r-riskju tal-iżbalji materjali f'dikjarazzjonijiet tan-nefqa futuri, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għandhom jintrabtu li jimplimentaw pjan ta' azzjoni korrettiva bi skadenzi stretti, li tindirizza n-nuqqasijiet sistemiċi. Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi deskritt b'mod ċar u konċiż fl-ACR.

L-iżbalji każwali jistgħu jkunu jew l-uniku sors ta' żball identifikat fil-kampjun awditjat jew jeżistu flimkien ma' żbalji sistemiċi. L-AA għandha tikkalkula n-nefqa friskju billi tapplika r-rata ta' żball ipproġettata (fir-rigward tal-iżbalji każwali misjuba fil-kampjun tal-operazzjonijiet awditjati u kkalkulati b'qies tal-appendiċi 1 tal-Gwida dwar il-kampjunar) għall-popolazzjoni kkonċernata mill-iżbalji każwali. Dan għandu jsir bl-użu tal-formola msemmija hawn taħt fit-taqsima 5.4.

5.4. Korrezzjoni finanzjarja estrapolata¹¹

Fejn l-analiżi tal-iżbalji misjuba fl-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA ma identifikatx żbalji sistemiċi jew anomali (jew fejn dik l-evalwazzjoni ma tlestietx fil-ħin għall-ACR), l-Istat Membru¹², wara li jikseb it-TPER, jista' jiddeċiedi li jelimina n-nefqa irregolari ddikjarata biex jiżgura rata ta' żball residwu ta' 2% jew anqas.

¹¹ Dan hu mingħajr preġudizzju għal aktar valutazzjoni mill-Kummissjoni, fejn ir-Riskju Residwu Kumulattiv fiż-żmien tal-ACR u tal-perjodu pluriannwali hu ogħla minn 2%. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' titlob aktar miżuri korrettivi peress li dan jista' jindika li l-MCS tal-programm(i) in kwistjoni għada/għadhom ma kkoreġietx/kkoreġuwx ir-riskji identifikati mill-AA matul il-ħajja tal-programm(i).

¹² Il-MA u s-CA skont l-MCS

Dan jippermetti lill-AA, suġġetta għall-kriterji deskritti fit-taqsimi 6 hawn taħt, li toħroġ opinjoni mhux kwalifikata, sakemm l-AA tista' tikkonferma fl-ACR li n-nuqqasijiet fl-MCS li jipproduċu l-iżbalji 'l fuq mill-materjalità ġew solvuti jew ittieħdu miżuri korrettivi kif deskritt hawn fuq fit-taqsimiet 5.2 u 5.3.

Fejn hi applikata korrezzjoni finanzjarja estrapolata fuq il-bażi ta' rata ta' żball każwali pproġettata (fejn ir-rata ta' żball totali pproġettata hi magħmula biss minn żbalji każwali), ir-rata ta' żball ipproġettata hi applikata għall-popolazzjoni sħiħa. Imbagħad l-ammont li jirriżulta jitnaqqas bl-iżbalji misjuba fil-kampjun (li għandhom jiġu kkoreġuti separatament¹³), li se jikkorrispondu għall-ammont tal-korrezzjoni estrapolata meħtieġa. Dan jassumi l-aktar xenarju sempliċi fejn ma nstab ebda żball sistemiku mill-AA fil-kuntest tal-awditi tal-operazzjonijiet tagħha¹⁴.

Taħt il-premessa ta' dak li hu msemmi hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li korrezzjoni finanzjarja estrapolata hi xierqa meta hi kkalkolata fi ħdan il-limiti tal-intervalli bejn A u B:

A: Korrezzjoni finanzjarja estrapolata = Żball każwali pproġettata - Żbalji fil-kampjun
B: Korrezzjoni finanzjarja estrapolata = Żball każwali pproġettata - (Popolazzjoni*2%) - Żbalji fil-kampjun

Eżempju:

Rata pproġettata għall-iżbalji każwali: 4%

Popolazzjoni: 1 000 Miljun €

Żbalji fil-kampjun (diġà kkoreġuti): 3 Miljun €

Korrezzjoni ta' bejn 37 Miljun € u 17-il Miljun €:

A: 37 Miljun € = (4% * 1000 Miljun €) - 3 Miljun €

B: 17-il Miljun € = (4% * 1000 Miljun €) - (2% * 1000) - 3 Miljun €

6. IT-TPER U L-ASSIGURAZZJONI DWAR IL-FUNZJONAMENT EFFETTIV TAL-MCS

Għall-finijiet tal-opinjoni tal-awditjar li għandha titfassal mill-AA, l-assigurazzjoni dwar il-funzjonament xieraq tal-MCS hi bbażata fuq ir-riżultati kombinati kemm tal-awditi tas-sistema kif ukoll tal-awditi tal-operazzjonijiet.

¹³ L-iżbalji fil-kampjun huma kkoreġuti darba biss.

¹⁴ Għall-finijiet tal-kalkolu tal-korrezzjoni finanzjarja, il-korrezzjonijiet magħmula fir-rigward tal-iżbalji sistemiċi għandhom jitnaqqsu mill-korrezzjoni finanzjarja estrapolata.

Fil-każ li l-iżbalji sistemiċi jinstabu mill-awditi tal-operazzjonijiet tal-AA, u dawk l-iżbalji huma delimitati għall-popolazzjoni sħiħa (ara t-taqsimi 2.2 hawn fuq), dan jimplika li, fl-estrapolazzjoni tal-iżbalji każwali misjuba fil-kampjun għall-popolazzjoni, l-AA għandha tnaqqas l-ammont ta' żbalji sistemiċi mill-popolazzjoni, kull meta dan il-valur hu parti mill-formola pproġettata, kif spjegat fid-dettall fl-appendiċi 1 tal-gwida dwar il-kampjunar.

Kif stabbilit fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 u kif imsemmi fit-taqsimi 8 tal-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni tal-2009, fil-każ ta' opinjoni kwalifikata, l-AA hi meħtieġa tipprovdi stima tal-impatt ta' din il-kwalifikazzjoni. Il-gwida tkompli tiddekrivi li "*il-kwantifikazzjoni tal-impatt tista' ssir jew fuq il-bażi li r-rata ta' żball ipproġettata stabbilita għan-nefqa fis-sena referenzjarja hi applikabbli, jew fuq il-bażi ta' rata fissa, b'qies tal-informazzjoni kollha li l-AA jista' jkollha disponibbli għaliha*". L-AA tista' tiddekrivi wkoll fil-paragrafu rilevanti tal-opinjoni jekk l-impatt tal-kwalifikazzjonijiet huwiex limitat jew sinifikanti.

Il-kwantifikazzjoni tal-impatt jista' jsir jew fuq il-bażi tat-TPER (jew l-RER, fejn ikunu ġew implimentati miżuri korrettivi mill-Istat Membru wara li jkun ġie ffinalizzat l-ACR) stabbilita għas-sena N, jew fuq il-bażi ta' rata fissa b'kont meħud tal-informazzjoni disponibbli lill-AA fiż-żmien tal-abbozzar tal-opinjoni tal-awditjar.

L-istima tal-impatt ta' kwalifikazzjoni bħala "limitat" titqies xierqa meta tirrelata ma' irregolaritajiet (li ma jkunux għadhom ġew ikkoreġuti fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-ACR għall-Kummissjoni) li jikkorrispondu għal nefqa ta' aktar minn 2% iżda anqas minn 5% tan-nefqa totali ċertifikata fis-sena N. Jekk dawk l-irregolaritajiet ikunu aktar minn 5% tan-nefqa totali ċertifikata fis-sena N, il-kwalifikazzjoni korrispondenti għandha tiġi stmata bħala "sinifikanti". L-istess raġunament japplika meta l-ammont eżatt ta' irregolaritajiet ma jkunx jista' jiġi kkwantifikat b'mod preċiż mill-AA u tintuża rata fissa; dan jista' jkun il-każ ta' nuqqasijiet tas-sistema.

L-iżbalji kollha għandhom jiġu kkwantifikati mill-AA. B'mod ġenerali, l-iżbalji kollha misjuba fil-kuntest tal-kampjun aleatorju użat għall-awditi tal-operazzjonijiet għandhom jitqiesu għall-kalkolu tat-TPER, bl-eċċezzjoni tal-iżbalji anomali (ara t-taqsimi 2.4 hawn fuq) u l-każijiet partikolari deskritti fit-taqsimiet 7.1.1 u 7.5 hawn taħt. Mingħajr din il-kwantifikazzjoni, it-TPER ma tistax titqies affidabbli peress li probabbilment hi sottostmata mill-iżbalji li ma ġewx ikkwantifikati. F'din iċ-ċirkostanza, l-opinjoni tal-awditjar għandha tkun ikkwalifikata.

L-iżbalji meqjusa fit-TPER għandhom jirrelataw għal sejbiet żvelati fir-rapport finali tal-awditjar, jiġifieri wara li tkun tlestiet il-proċedura kontradittorja ma' min qed jiġi awditjat. F'każijiet iġġustifikati kif xieraq fejn din il-proċedura kontradittorja ma kinitx konkluża qabel is-sottomissjoni tal-ACR, dan jista' jikkostitwixxi limitazzjoni fl-ambitu u tista' tingħata opinjoni kkwalifikata abbażi tal-ġudizzju professjonali tal-AA. Il-kwantifikazzjoni¹⁵ tal-kwalifikazzjoni fl-opinjoni tal-awditjar tista' tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-ammont massimu ta' żbalji li l-AA tqis raġonevoli fuq il-bażi tal-informazzjoni li għandha disponibbli.

It-TPER ippreżentata fl-ACR għandha tkun ir-rata ta' żball qabel kwalunkwe korrezzjoni applikata mill-Istat Membru b'riżultat tal-awditi tal-operazzjonijiet imwettqa mill-AA. L-opinjoni tal-awditjar tal-AA hi bbażata fuq it-TPER u l-miżuri korrettivi li jistgħu jkunu ġew applikati mill-Istat Membru qabel is-sottomissjoni tal-ACR, skont it-taqsimi 5 hawn fuq¹⁶.

¹⁵ Ara t-Taqsimi 7 tal-Gwida dwar l-ACRs u l-Opinjoni tal-2009.

¹⁶ Fil-każ partikolari fejn nefqa irregolari kienet diġà nstabet u kien hemm azzjoni fuqha mill-awtoritajiet nazzjonali (iżda kienet għadha ma ġietx ikkoreġuta qabel ma ttieħed il-kampjun), hu possibbli li l-AA tiddeċiedi li teskludi dik l-irregolarità meta tipproġetta l-iżbalji kampjun għall-popolazzjoni, meta jiġu

L-esperjenza turi li r-rabta bejn l-opinjoni tal-awditjar (dwar il-funzjonament xieraq tal-MCS u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa) u l-konklużjonijiet miksuba mill-awditi tas-sistema u l-awditi tal-operazzjonijiet normalment tikkorrispondu għax-xejra spjegata hawn taħt. It-tabella li ġejja hi indikattiva biss u teħtieġ lill-AA li tuża l-ġudizzju professjonali tagħha, b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet li jistgħu ma jkunux previsti hawn taħt. Kif stabbilit fit-taqsima 5 hawn fuq, il-miżuri korrettivi jistgħu jikkonċernaw korrezzjonijiet finanzjarji (li jimmiraw għal RER ta' 2% jew inqas) jew titjib biex jingħelbu n-nuqqasijiet fl-MCS (mhux koperti mill-korrezzjonijiet finanzjarji) jew kombinazzjoni tat-tnejn.

Opinjoni tal-awditjar	Il-valutazzjoni tal-AA dwar		
	Funzjonament tal-MCS (Riżultati tal-awditi tas-sistema)	TPER (riżultati mill-awditi tal-operazzjonijiet)	Implimentazzjoni ¹⁷ tal-miżuri korrettivi meħtieġa mill-Istat Membru
1-Mhux kwalifikata	kategorija 1 jew 2	u $TPER \leq 2\%$	Korrezzjonijiet (eż żbalji fil-kampjun) implimentati.
2-Kwalifikata (il-kwalifikazzjonijiet għandhom impatt limitat)	kategorija 2	u/jew $2\% < TPER \leq 5\%$	Ħlief jekk miżuri korrettivi adegwati (inklużi korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati) hum implimentati (opinjoni mhux possibbli).
3-Kwalifikata (il-kwalifikazzjonijiet għandhom impatt sinifikanti)	kategorija 3	u/jew $5\% < TPER \leq 10\%$	Miżuri korrettivi mhux implimentati bis-sħi (inkluż jekk korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati hum implimentati iżda għad hemm nuqqasijiet tas-
4-Negattiva	kategorija 4	u/jew $TPER > 10\%$	Miżuri korrettivi mhux implimentati bis-sħi (inkluż jekk korrezzjonijiet finanzjarji estrapolati hum implimentati iżda għad hemm nuqqasijiet tas-

ssodisfati ċertu kundizzjonijiet (ara t-taqsima 7.1.1. hawn taħt). L-AA għandha tiżvela fl-ACR, taħt it-taqsima dwar l-awditi tal-operazzjonijiet, jekk sehhtix din is-sitwazzjoni, l-ammont tan-nefqa għal dik l-irregolarità partikolari u jekk ġietx ikkoreġuta.

¹⁷

Ara t-taqsima 5 ta' din il-gwida

Jekk l-AA tqis li l-MCS qegħda fil-kategorija 2 u t-TPER hi anqas mil-livell ta' materjalità ta' 2%, l-opinjoni tal-awditjar tista' tkun mhux kwalifikata.

Madankollu, jekk l-MCS hija kklassifikata fil-kategorija 1 jew 2 u t-TPER hija '1 fuq minn 2%, dan jindika li, minkejja l-valutazzjoni pożittiva li tirriżulta mill-awditi tas-sistemi mwettqa mill-AA, l-MCS fil-prattika mhijiex effettiva biżżejjed biex timpedixxi, issib u tikkoreġi l-irregolaritajiet u tirkupra l-ammonti li ma kellhomx jiġihallu. Għalhekk, f'dan il-każ, hi meqjusa xierqa opinjoni tal-awditjar kwalifikata¹⁸. Madankollu, jekk l-RER hi ta' 2% jew anqas, fejn ġew implimentati miżuri korrettivi mill-Istat Membru qabel ma ġie sottomess l-ACR lill-Kummissjoni (ara t-taqsima 5.2 hawn fuq), l-AA tista' toħroġ opinjoni mhux kwalifikata.

Opinjoni kwalifikata għandha tiġi żvelata meta l-MCS hi fil-kategorija 3 u t-TPER hi aktar minn 2%, ħlief fejn l-RER hi 2% jew anqas u l-miżuri korrettivi (inklużi dawk relatati man-nuqqasijiet tas-sistemi) jkunu ġew implimentati qabel ma jiġi ffinalizzat l-ACR. F'dan il-każ l-AA tista' toħroġ opinjoni mhux kwalifikata.

TPER ta' aktar minn 5% u/jew MCS fil-kategorija 3 jew 4 għandha twassal għal opinjoni kwalifikata.

TPER ta' aktar minn 10% u/jew MCS fil-kategorija 4 għandha twassal għal opinjoni negattiva.

7. KAŻIJET PARTIKOLARI

7.1. Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkunsidrata wkoll bħala irregolari mill-MA, IB jew CA

7.1.1. Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA

Kif stipulat hawn fuq, b'mod ġenerali l-irregolaritajiet kollha misjuba għandhom jiġu kkonsidrati għall-kalkolu tar-rata ta' żball ipproġettata, u rrapportati fl-ACR. Dan jinkludi l-irregolaritajiet misjuba mill-AA (matul l-awditi tal-operazzjonijiet) li diġà kienu nstabu minn korp nazzjonali ieħor (jiġifieri l-MA, l-IB jew is-CA), qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA, iżda ma kienx ikkoreġut mill-Istat Membru qabel ma ġie sottomess l-ACR¹⁹.

Madankollu, jekk ikun hemm evidenza dokumentarja li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti (MA, IB jew CA) sabu l-irregolarità u kienu diġà qed jieħdu l-miżuri meħtieġa (eż il-bidu ta' proċedura ta' rkupru) qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA u li l-ammont irregolari ġie kkoreġut qabel is-sottomissjoni tal-ACR, tali irregolarità tista' tiġi eskluża meta kampjun tal-iżbalji jiġi pproġettat fil-popolazzjoni.

¹⁸ L-espressjoni "meqjusa xierqa" timplika li l-ġudizzju professjonali tal-AA hu meħtieġ sabiex jitfasslu konklużjonijiet xierqa dwar il-ħidma tagħha.

¹⁹ Kif stipulat hawn fuq, din il-korrezzjoni tista' ssir billi titnaqqas in-nefqa irregolari (permezz tal-irtirar jew tal-irkupru) minn dikjarazzjoni tan-nefqa sottomessa lill-Kummissjoni jew billi n-nefqa in kwistjoni tiġi rreġistrata bħala rkupru pendenti fis-sistema tal-kontijiet tas-CA.

F'kull każ, it-trattament tal-irregolarità kkonċernata għandha tiġi rrapportata u spjegata fl-ACR fit-taqsimha dwar l-awditi tal-operazzjonijiet, peress li korrezzjoni bħal din se tħalli impatt fuq ir-Riskju Residwali Kumulattiv ikkalkulat mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-AAR tas-servizzi kkonċernati.

Bħala prinċipju ġenerali, il-MA għandha tiżgura li l-verifiki tal-ġestjoni tagħha (verifiki amministrattivi jew verifiki fuq il-post) jitwettqu b'mod li jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet qabel man-nefqa tkun iddikjarata lill-Kummissjoni. Madankollu, minħabba l-pluriannwalita tas-sistema ta' kontroll, jista' jagħti l-każ li l-kontrolli fuq il-post jippermettu li jinstabu żbalji li ma jkunux instabu matul il-kontrolli mill-uffiċċju.

7.1.2. Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB jew il-MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA

Matul awditu AA tidentifika li qabel kienet instabet irregolarità matul kontroll minn korp ieħor, iżda r-rata ta' korrezzjoni applikata kienet inqas mir-rata ta' korrezzjoni li l-AA tqis li l-IB jew il-MA kellha tapplika. F'dik is-sitwazzjoni, id-differenza fl-ammont li jirriżulta mill-korrezzjoni r-rata determinata mill-AA u l-ammont li ġie attwalment ikkoreġut (fil-livell tad-dikjarazzjoni lill-Kummissjoni qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA) titqies għall-kalkolu tat-TPER.

7.1.3. Irregolaritajiet relatati man-nefqa rtirata wara li ttieħed il-kampjun mill-AA

Wara li tagħżel il-kampjun tal-operazzjonijiet, l-AA tista' tidentifika nefqa irregolari fl-operazzjonijiet li għandhom jiġu awditjati li ġew irtirati jew li huma "mingħajr ċertifikazzjoni" mill-Istat Membru. F'termini ta' arranġamenti prattiċi li għandhom jiġu adottati mill-AA għall-awditi fuq il-post, huma previsti żewġ opzjonijiet:

- (1) Fil-każ li n-nefqa irregolari "mingħajr ċertifikazzjoni" tikkonċerna n-nefqa kollha ta' operazzjoni speċifika inkluża fil-kampjun magħżul mill-AA, dan il-korp mhuwiex obligat jawditja fuq il-post tali operazzjoni. Il-kampjun m'għandux ikun modifikat, jiġifieri l-operazzjoni inkwistjoni m'għandhiex tinbidel minn operazzjoni oħra.
- (2) Fil-każ li n-nefqa irregolari "mingħajr ċertifikazzjoni" tikkonċerna biss parti min-nefqa ta' operazzjoni speċifika inkluża fil-kampjun magħżul minn AA, dan il-korp għandu jawditja l-operazzjoni fuq il-post sabiex isib jekk il-parti mingħajr ċertifikazzjoni hijiex ħielsa mill-iżbalji.

F iż-żewġ każijiet in-nefqa irregolari għandha titqies fir-rata ta' żball.

7.2. Aġġustament b'nefqa "bafer" fil-livell ta' proġett

Jista' jiġri li fis-sena N il-benefiċjarju jiddikjara lill-MA (jew lill-IB), fir-rigward ta' operazzjoni partikolari, nefqa akbar minn dik li inizjalment kienet ibbaġitjata għas-sena N. Dan jikkorrispondi għal nefqa "bafer". Id-dikjarazzjoni ta' nefqa eleġibbli lill-Kummissjoni hi, fi kwalunkwe każ, limitata għal ammont massimu stabbilit fil-ftehim ta' għotja u l-baġit approvat għall-operazzjoni in kwistjoni.

Dan hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 98 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Fejn Stat Membru jiddeċiedi, taħt din id-dispożizzjoni, li japplika korrezzjoni finanzjarja għal operazzjoni individwali billi jikkancelli parti mill-

kontribuzzjoni pubblika jew il-kontribuzzjoni pubblika kollha (jew fejn il-Kummissjoni tipproponi korrezzjoni finanzjarja bħal din skont l-Artikolu 99 u 100(4) tal-istess Regolament), il-kontribuzzjoni mill-fondi kkanċellati tista' tintuża mill-ġdid għal operazzjonijiet oħra li mhumiex daww suġġetti għall-korrezzjoni. L-Artikolu 98(3) jispeċifika li l-użu mill-ġdid tal-kontribuzzjoni kkanċellata għall-operazzjoni suġġetta għall-korrezzjoni mhux permess.

Eżempju wieħed ta' aġġustament b'nefqa bafer fil-livell ta' proġett hu dan li ġej. In-nefqa bbaġittjata għall-proġett hi ta' 100 000 EUR u l-kofinanzjament pubbliku hu ta' 40% tan-nefqa, sa massimu ta' 40 000 EUR. Il-benefiċjarju iddikjara lill-Awtorità ta' Ġestjoni n-nefqa ta' 110 000 EUR u rċieva għotja massima ta' 40 000 EUR. L-AA twettaq awditu tal-110 000 EUR ddikjarati mill-benefiċjarju u tidentifika nefqa ineliġibbli ta' 9 000 EUR. F'dan il-każ, anke jekk in-nefqa ineliġibbli nstabet fin-nefqa totali tal-operazzjoni awditjata (inkluż il-bafer, li kien parti min-nefqa awditjata), xorta hemm biżżejjed nefqa eleġibbli li tintitola lill-benefiċjarju għall-għotja pubblika massima²⁰. F'dan il-każ, l-AA tista' tqis li mhemm ebda żball li għandu jiġi rrapportat peress li m'hemm ebda impatt fuq ir-rimborż tal-UE, peress li kien jeżisti bafer fiż-żmien meta l-AA sabet in-nefqa ineliġibbli in kwistjoni. Madankollu, il-fatt li n-nefqa kollha, inkluż il-bafer, tqieset bħala eleġibbli mill-MA jista' jindika l-ħtieġa li jitjiebu l-verifiki tagħhom. F'dan il-każ, l-AA għandha tirrakkomanda lil dawn l-awtoritajiet biex itejbu jew jinfurzaw il-verifiki tagħhom.

Eżempju ieħor hu meta għall-proġett ta' hawn fuq, il-benefiċjarju jkun iddikjara lill-MA n-nefqa ta' 110 000 EUR. L-AA tawditja l-110 000 EUR ddikjarati mill-proġett u tidentifika nefqa ineliġibbli ta' 15 000 EUR. Il-benefiċjarju hu intitolat għal għotja massima ta' 38 000 EUR (95 000 EUR*40%). L-iżball misjub (5 000 €) għandu impatt fuq in-nefqa ddikjarata bħala eleġibbli lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-AA għandha tinkludi dak l-iżball fit-TPER. Jista' jagħti l-każ li l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom joħorġu ordni ta' rkupru lill-benefiċjarju (pereżempju jekk l-operazzjoni tkun tlestiet) u l-għotja massima titnaqqas skont dan.

7.3. Aġġustament ta' żbalji dwar dikjarazzjoni għolja b'kuntrast ma' żbalji ta' dikjarazzjoni baxxa

Meta jitqies li l-kunċett ta' żbalji jirrelata ma' dikjarazzjonijiet għolja mhux dovuti fin-nefqa dikjarata, żbalji ta' dikjarazzjoni baxxa m'għandhomx jitnaqqsu mid-dikjarazzjonijiet għolja fil-kalkolu tat-TPER.

7.4. Kif għandhom jiġu rrapportati l-frodi u l-frodi suspettati fl-ACR u kif għandhom jiġu riflessi fir-rata ta' żball?

L-ACR għandu jindika l-passi meħuda fir-rigward ta' każijiet ta' frodi jew frodi suspettati identifikati waqt ix-xogħol tal-awditjar jew qabel is-sottomissjoni tal-ACR.

²⁰ Dan ikun konformi mal-Artikolu 98(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (jew l-Artikolu 96(3) tar-Regolament (KE) Nru 1198/2006 għall-FES) sakemm ma jkun hemm ebda kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika għall-operazzjonijiet kollha in kwistjoni, jiġifieri l-40 000 EUR xorta jiġu ffinanzjati min-nefqa pubblika.

L-ACR għandu jiżvela jekk il-każijiet ta' frodi suspettati ġewx ikkomunikati lil OLAF. Jekk dan ikun permess mir-regoli nazzjonali għal investigazzjonijiet li jkunu għaddejnin, l-AA għandha tiġbor informazzjoni dwar in-natura tal-frodi u tivvaluta jekk din hijiex kwistjoni sistemika u, jekk iva, jekk ittiħdux azzjonijiet ta' mitigazzjoni.

Kif stabbilit fl-Artikolu 27(c) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006, "*frodi suspettat*" *tfisser irregolarità li tagħti lok għall-bidu ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji fuq livell nazzjonali sabiex tiġi stabbilita l-preżenza ta' mġiba intenzjonata, fi frodi partikolari, kif jissewma fil-punt (a) tal-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni mfassla a bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej*".

F'każ fejn hemm operazzjonijiet li ġew inklużi fil-kampjun aleatorju iżda li l-AA ma tistax twettaq awditi fuqhom minħabba li qed jinżammu dokumenti ta' sostenn minn awtoritajiet ġudizzjarji (jiġifieri minħabba frodi suspettata), huma previsti t-tliet każijiet li ġejjin:

1) Fejn l-AA għandha evidenza li tissuġġerixxi suspett ta' frodi dwar l-operazzjoni li minnha ttehed kampjun (eż. rapport tal-pulizija) jew fejn l-eżistenza ta' frodi hi kkonfermata mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti, in-nefqa in kwistjoni tingħadd bħala żball (każwali, sistemiku jew anomalu) u tiġi inkluża fit-TPER. Jekk wara li jiġi sottomess l-ACR, l-AA tikseb informazzjoni li twassal għall-konklużjoni li s-suspett ta' frodi ma ġiex ikkonfermat, l-AA tista' tirrevedi t-TPER u tinforma lill-Kummissjoni skont dan fl-ACR li jkun imiss.

2) Fejn hi disponibbli informazzjoni jew evidenza insuffiċjenti, l-AA tista' tbiddel l-operazzjoni li minnha ttehed kampjun b'operazzjoni oħra billi tapplika għażla aleatorja għall-popolazzjoni li jifdal, fl-użu tal-istess metodu tal-kampjunar, jekk dan jista' jsir fi żmien xieraq għas-sottomissjoni tal-ACR. Jekk le, l-AA tista' tikkunsidra li tiddikjara l-operazzjoni li inizjalment ittehed il-kampjun minnha bħala li għandha zero żbalji (jekk ma sabet ebda irregolarità) u tinkludi n-nefqa rispettiva fil-popolazzjoni għall-kalkolu tal-iżball ipproġettat.

3) Jekk l-AA ma biddlitx l-operazzjoni in kwistjoni li minnha ttehed il-kampjun u jekk il-kwantifikazzjoni tal-irregolarità hi possibbli biss wara s-sottomissjoni tal-ACR għas-sena ta' referenza in kwistjoni, għandu tiġi kkalkulata TPER riveduta mill-AA u tiġi trażmessa lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr possibbli. Fl-ACR l-AA għandha tiżvela l-każijiet idetifikati minn din is-sitwazzjoni ta' eċċezzjoni u l-impatt tagħha fuq l-opinjoni tal-AA.

Ovjament, jekk l-AA tista' twettaq awditi fuq l-operazzjonijiet suġġetti għal frodi suspettata minħabba li d-dokumenti ta' sostenn huma disponibbli għall-AA, hi r-responsabbiltà tal-AA li tikkonkludi, fuq il-bażi tax-xogħol tagħha stess, jekk hemmx irregolaritajiet fin-nefqa ddikjarata, mingħajr preġudizzju għal dak li joħroġ mill-investigazzjonijiet dwar il-frodi, jekk ikun hemm.

7.5. Il-fallimenti u l-insolvenzi għandhom jiġu inklużi fir-rata ta' żball?

Meta l-AA tkun inkludiet fil-kampjun tagħha operazzjoni li hi suġġetta għal proċess ta' falliment jew insolvenza, bil-konsegwenza li l-oġettivi tal-operazzjoni jew kundizzjonijiet oħra tal-ġhotja ma jkunux se jintlaħqu (eż. għajjuna mill-Istat marbuta mal-ħolqien tax-xogħol fil-kumpanija tal-benefiċjarju), iżda m'hemm ebda

indikazzjoni partikolari ta' negliġenza min-naħa tal-Awtorit  ta' Ġestjoni meta għażlet l-operazzjoni għall-kofinanzjament, in-nefqa ddikjarata għal dik l-operazzjoni għandha tiġi inkluża fit-TPER?

Biex wieħed iwieġeb għal din il-mistoqsija, hu importanti li jinnota li r-Regolament Nru 539/2010 żied paragrafu 5 mal-Artikolu 57 tar-Regolament Nru 1083/2006: "*Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal kwalunkwe operazzjoni li ġġarrab modifika sostanzjali bħala riżultat tal-waqfien tal-attività produttiva minħabba falliment mhux b'qerq*".

Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tqis li, f'każ ta' waqfien tal-attività produttiva minħabba falliment mhux frodulenti, l-Istat Membru se jkun eżentat mid-dmir li jinvestiga l-irregolarità kkonċernata u li jagħmel korrezzjonijiet finanzjarji adegwati u l-Istat Membru u l-Kummissjoni mhux se jkollhom għalfejn jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirkupraw l-ammonti mħallsa mhux xierqa.

Il-korollarju ta' dan ir-raġunament hu li m'hemm ebda żball li għandu jitqies fit-TPER fir-rigward ta' każ ta' falliment meta hu applikabbli l-Artikolu 57(5) tar-Regolament (KE) 1083/2006.

Każ ta' insolvenza jew falliment jikkostitwixxi żball li għandu jitqies fit-TPER biss f'dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet:

1) Meta jirrigwarda frodi stabbilita mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali kompetenti, f'liema każ il-korrezzjoni għandha tkun it-totalità tan-nefqa affettwata.

2) Meta jirrigwarda nuqqas ta' proċedura tal-għażla adegwata mill-Awtorit  ta' Ġestjoni (jiġifieri ksur tal-Artikolu 60(a) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006), f'liema każ l-iżball jista' jiġi kkwantifikat għal 5%, 10%, 25% jew 100% tan-nefqa ddikjarata għall-operazzjoni in kwistjoni, kif joħroġ mid-deċizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji²¹.

Jekk hu applikabbli wieħed miż-żewġ każijiet imsemmija hawn fuq, l-AA għandha tqis iż-żmien meta seħħ il-falliment, b'dan il-mod²²:

1) Jekk l-insolvenza seħħet qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA, u l-MA irreaġixxiet bla dewmien billi rrevokat il-ftehim ta' għotja u billi bdiet proċedura ta' rkupru²³, din is-sitwazzjoni hi simili għal dik koperta mit-taqsim 7.1.1 hawn

²¹ Deċizzjoni tal-Kummissjoni tad-19.10.2011 dwar l-approvazzjoni tal-linji gwida dwar il-prinċipji, il-kriterji u l-iskali indikattivi li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 99 u 100 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006.

Kwantifikazzjoni ta' 100% tkun ġustifikata jekk il-MA ma tkunx iċċekkjat jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-benefiċjarju kinitx sodisfaċenti (jiġifieri mhux se twassal għal falliment) u dik kienet kundizzjoni li kellha tiġi iċċekkjata qabel l-għażla tal-operazzjoni.

²² Kif joħroġ mit-taqsim 8.1 hawn fuq.

²³ L-azzjoni mill-MA tista' tiddependi wkoll minn regoli u proċeduri nazzjonali relatati ma' proċessi ta' insolvenza u falliment. L-AA għandha tuża l-ġudizzju professjonali meta tanalizza ż-żmien tar-reazzjoni tal-MA għas-sitwazzjoni konkreta ta' dak il-falliment jew dik l-insolvenza.

fuq. F'dan il-każ, l-irregolarità tista' tiġi eskluża meta jiġu pproġettati l-iżbalji każwali għall-popolazzjoni.

- 2) Jekk l-insolvenza seħħet wara li ttieħed il-kampjun mill-AA (għalhekk, il-miżuri meħtieġa ttieħdu mill-MA ukoll biss wara li ttieħed il-kampjun), l-irregolarità għandha titqies bħala żball każwali li għandu jiġi inkluż fl-iżbalji każwali pproġettati.

Ovvjament, l-eżistenza ta' insolvenza/falliment ma jippreġudikax il-ħtieġa li l-AA tfittex assigurazzjoni li n-nefqa għall-operazzjoni in kwistjoni hi legali u regolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli li jifdal.

7.6. X'approċċ għandha tadotta l-AA fil-każ li jintilfu jew issir ħsara minħabba "force majeure" (eż. diżastri naturali) lil dokumenti ta' sostenn tal-operazzjonijiet li minnhom jittieħed kampjun?

Minħabba d-diżastri naturali li seħew fl-Ewropa Ċentrali, l-AA staqsiet x'għandu jkun l-approċċ tagħhom meta d-dokumentazzjoni ta' sostenn miżmuma fil-livell tal-benefiċjarji tintilef jew issirilha l-ħsara minħabba dawn l-avvenimenti naturali (telfien ta' rendikont tal-awditjar suffiċjenti).

L-AA għandha titlob lill-awtoritajiet nazzjonali ikkonċernati biex jibnu mill-ġdid ir-rendikont tal-awditjar bl-użu tad-dokumentazzjoni miżmuma fil-format elettroniku u sorsi oħrajn (eż. kuntratturi, fornituri, banek). Madankollu din ir-rikostituzzjoni tar-rendikont tal-awditjar trid issir fl-limiti raġonevoli (inklużi sforzi ta' żmien u amministrattivi) peress li jista' jkun li rikostituzzjoni bħal din tikkawża piż mhux xieraq u mhux ġustifikabbli għall-entità awditjata fuq il-bażi tal-fatti u ċ-ċirkostanzi. Ikun meħtieġ ġudizzju professjonali biex toħroġ din il-konklużjoni²⁴.


Jista' jkun ukoll li, anke jekk ir-rendikont tal-awditjar ma jkunx komplet, id-dokumentazzjoni nieqsa ma tkunx kruċjali għad-determinazzjoni dwar jekk in-nefqa hijiex eleġibbli. F'dan il-każ, l-AA għandha tiżvela l-limitazzjoni tal-ambitu jekk l-operazzjoni in kwistjoni tiġi awditjata.

Għall-operazzjonijiet fejn filfatt ir-rendikont tal-awditjar ma jkunx jista' jiġi rikostruwit (tal-inqas parzjalment) minħabba "force majeure" (ikkawżat pereżempju minn diżastri naturali) jew l-ispejjeż ta' dik ir-rikostituzzjoni huma akbar mill-benefiċċju li jiġi żgurat ir-rekord tal-awditjar, l-MA għandha tikseb konferma (eż. ittra mill-benefiċjarju jew l-IB) li dan kien il-każ u li kull tentattiv li sar biex tiġi rkuprata d-dokumentazzjoni ma rnexxietx. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċettabbli għall-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar. B'din il-konferma, il-MA tkun tista' mbagħad tikkonkludi li l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 (dwar id-disponibbiltà tad-dokumenti) ma jistax jiġi ssodisfat għall-operazzjonijiet in kwistjoni, minħabba avveniment ta' "force majeure".

²⁴ Ara l-paġni 6 sa 10 tal-Uffiċċju ta' Kontabbiltà tal-Gvern tal-Istati Uniti (GAO) dwar "Standards tal-Awditjar tal-Gvern: Eżenzjonijiet temporanji u Gwida b'Reazzjoni għall-Uragani Katrina u Rita" (<http://www.gao.gov/govaud/hurricanedocument.pdf>).

Il-MA għandu jkollha lista tal-operazzjonijiet kollha affettwati, li mbagħad għandhom ikunu esklużi mill-popolazzjoni li minnha ttieħed il-kampjun mill-AA, jekk l-avveniment ta' "force majeure" ikun seħħ qabel. Jekk l-AA diġà għażlet operazzjonijiet b'hal dawn għal awditu fuq il-post u ebda proċedura alternattiva oħra mhi fattibbli biex tivverifika l-eleġibbiltà tan-nefqa, hu previst it-tibdil b'operazzjonijiet oħrajn.

ANNEX 1 - IR-RATA TA' ŻBALL IPPROĠETTATA TOTALI



ANNEX 2 - IT-TABELLA GĦAN-NEFQA DDIKJARATA U L-AWDITI TAL-KAMPJUN

Fond	Riferenza (CCI nru)	Programm [♣]	Nefqa ddiġjarata fis-sena ta' riferenza ²⁵	Nefqa għas-sena ta' referenza awditjata għall-kampjun aleatorju		Ammont u perċentwal (rata ta' żball) ta' nefqa irregolari fil-kampjun aleatorju ²⁶		Rata ta' żball ipproġettata totali ²⁷	Nefqa oħra awditjata ²⁸	Ammont ta' nefqa irregolari f'kampjun tan-nefqa ieħor	Nefqa totali ddiġjarata b'mod kumulattiv	Nefqa totali awditjata b'mod kumulattiv ²⁹ bħala perċentwal tan-nefqa totali ddiġjarata b'mod kumulattiv
				Ammont ³⁰	% ³¹	Ammont	%	%				

²⁵ Din il-kolonna għandha tirreferi għall-popolazzjoni li minnha tteħed il-kampjun aleatorju, jiġifieri l-ammont ta' nefqa eleġibbli ddiġjarata lill-Kummissjoni għas-sena N, mingħajr l-unitajiet negattivi ta' kampjunar jekk ikun hemm. Pereżempju, jekk ġew iddiġjarati €23 miljun bħala nefqa eleġibbli u dawn jinkludu €3 miljuni ta' unitajiet negattivi tal-kampjunar, l-ammont li għandu jiġi żvelat fil-Kolonna A hu ta' €26 miljun peress li dan jikkorrispondi għall-popolazzjoni tal-ammonti pożittivi. Fejn hu applikabbli, għandhom jingħataw spjegazzjonijiet fl-ACR, fit-taqsimi dwar l-awditi tal-operazzjonijiet.

²⁶ Meta l-kampjun aleatorju jkopri aktar minn Fond jew programm wieħed, l-informazzjoni dwar l-ammont u l-perċentwal (rata ta' żball) ta' nefqa irregolari tingħata għall-kampjun sħiħ u ma tistax tkun ipprovduta fuq livell ta' programm/fond. Meta tintuża l-istratifikazzjoni, għandha tingħata aktar informazzjoni skont l-istrat fl-ACR, fit-taqsimi dwar l-awditi tal-operazzjonijiet.

²⁷ Il-kunċett tat-total previst tar-rata ta' żball huwa spjegat fit-taqsimi 2.6 ta' din il-gwida.

²⁸ Fejn hu applikabbli, "nefqa oħra awditjata" għandha tirreferi għan-nefqa awditjata fil-kuntest ta' kampjun komplimentari għas-sena ta' referenza.

²⁹ Tinkludi kemm in-nefqa awditjata għall-kampjun aleatorju kif ukoll in-nefqa awditjata l-oħra.

³⁰ Ammont tan-nefqa awditjata (f'każ li hu applikat is-sottokampjunar, f'din il-kolonna għandu jiġi inkluż biss l-ammont ta' elementi tan-nefqa effettivament awditjati).

³¹ Perċentwal ta' nefqa awditjata fir-rigward ta' nefqa ddiġjarata lill-Kummissjoni fis-sena ta' referenza.

ANNEX 3 - IT-TABELLA TA' KORRELAZZJONI BEJN IT-TAQSIMIET TAL-GWIDA TA' QABEL MAL-GWIDA AĠĠORNATA DWAR IT-TRATTAMENT TAL-IŻBALJI.

Taqsimiet ta' COCOF 11-0041-01-EN tas-07/12/2011 u EFFC/87/2012 tad-09/11/2012	Taqsimi korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji
1. Daħla	1. Daħla
2. Valutazzjoni tal-iżbalji	2. Valutazzjoni tal-iżbalji
2.1 Approċċ stabbilit fi gwida preċedenti mill-Kummissjoni	[Mibdula mit-taqsimi ġdida "2.1. Ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' iżbalji".]
2.2 Żbalji sistemiċi	2.2 Żbalji sistemiċi
2.3 Żbalji każwali	2.3 Żbalji każwali
2.4 Żbalji anomali	2.4 Żbalji anomali
2.5 Żbalji dwar proċedura kontradittorja mhux mitmuma	[Inkluża fit-taqsimi 6.]
2.6 Ir-rata ta' żball ipproġettata totali	2.5 Ir-rata ta' żball ipproġettata totali
3. Żvelar tal-iżbalji fl-ACR permezz ta' SCF2007	3. Żvelar tal-iżbalji fl-ACR permezz ta' SCF2007
4. Opinjonijiet tal-awditjar inadegwati	4. Opinjonijiet tal-awditjar inadegwati
5. Miżuri korrettivi	5. Miżuri korrettivi
5.1 Il-kunċett ta' żball ikkoreġut biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar	5.1 Il-kunċett ta' żball ikkoreġut biex tiġi stabbilita l-opinjoni tal-awditjar
5.2 Miżuri korrettivi bħala avvenimenti sussegwenti	5.2 Miżuri korrettivi bħala avvenimenti sussegwenti
5.3 Opzjoni 1: korrezzjoni finanzjarja estrapolata	5.4 Korrezzjoni finanzjarja estrapolata
5.4 Opzjoni 2: analiżi u korrezzjoni ta' kull tip ta' żball	5.3 Korrezzjoni ta' kull tip ta' żball
5.5 Aġġustament b'nefqa "bafer"	7.2 Aġġustament b'nefqa "bafer"
[Taqsimi korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji.]	6. It-TPER u l-assigurazzjoni dwar il-funzjonament effettiv tal-MCS
6. L-implikazzjonijiet fit-teħid tal-kampjuni li jirriżultaw minn rata ta' żball	[Taqsimi mħassra peress li hi koperta mit-taqsimiet 8.1, 5.11 u 8.2.2 tal-Gwida

Taqsimiet ta' COCOF 11-0041-01-EN tas-07/12/2011 u EFFC/87/2012 tad-09/11/2012	Taqsimi korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji
għolja	dwar il-kampjunar, aġġornata fl-2013.]
7. L-iżball l-Aktar Probabbli u l-Ogħla Limitu ta' Żball	Idem.]
8. Każijiet partikolari	7. Każijiet partikolari
8.1 Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkonsidrata ukoll bħala irregolari mill-Awtorità ta' Ġestjoni, mill-Korp Intermedjarju jew mill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni	7.1 Żbalji misjuba mill-AA fin-nefqa li kienet ikkonsidrata ukoll bħala irregolari mill-Awtorità ta' Ġestjoni, mill-Korp Intermedjarju jew mill-Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
8.1.1 Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA	7.1.1 Irregolaritajiet diġà misjuba u li ttieħdet azzjoni dwarhom mill-IB/MA/CA, iżda li ma kinux ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA
8.1.2 Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB/MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA	7.1.2 Irregolaritajiet identifikati matul il-kontrolli mill-IB/MA u mhux suffiċjentement ikkoreġuti qabel ma ttieħed il-kampjun mill-AA
8.1 3 Irregolaritajiet relatati man-nefqa "mingħajr ċertifikazzjoni" wara li ttieħed il-kampjun mill-AA	7.1 3 Irregolaritajiet relatati man-nefqa "mingħajr ċertifikazzjoni" wara li ttieħed il-kampjun mill-AA
8.2 Aġġustament bejn id-dikjarazzjoni għolja tal-iżbalji u d-dikjarazzjoni baxxa tal-iżbalji sabiex jinstab l-iżball ġenerali l-aktar probabbli	7.3 Aġġustament bejn id-dikjarazzjoni għolja tal-iżbalji u d-dikjarazzjoni baxxa tal-iżbalji sabiex jinstab l-iżball ġenerali l-aktar probabbli
[Taqsimi korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji.]	7.4 Kif għandhom jiġu rappurtati l-frodi u l-frodi suspettata fl-ACR u kif għandhom jiġu riflessi fir-rata ta' żball?
[Taqsimi korrispondenti fil-	7.5 Il-fallimenti u l-insolvenzi

Taqsimiet ta' COCOF 11-0041-01-EN tas-07/12/2011 u EFFC/87/2012 tad-09/11/2012	Taqsimia korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji
gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji.]	għandhom jiġu inklużi fir-rata ta' żball?
[Taqsimia korrispondenti fil-gwida aġġornata dwar it-trattament tal-iżbalji.]	7.6. X'approċċ għandha tadotta l-AA fil-każ li jintilfu jew issir ħsara minħabba "force majeure" (eż. diżastri naturali) lil dokumenti ta' sostenn tal-operazzjonijiet li minnhom jittieħed kampjun?
Anness 1 - Ir-rata ta' żball ipproġettata totali	Anness 1 - Ir-rata ta' żball ipproġettata totali
Anness 2 – It-tabella għan-nefqa ddikjarata u l-awditi tal-kampjun	Anness 2 – It-tabella għan-nefqa ddikjarata u l-awditi tal-kampjun